**Lejlet il-kapitlu**

Nippassiġġa fil-kuritur
Inżebbeġ il-kuruna,
B'dik it-talba ta' Marija
Qalbi f'Alla midfuna.

Irrid nitlob b'qalbi kollha
Biex Alla jagħti l-grazzja,
Tal-imħabba u tal-għaqal
Li jinstabu f'dal-ġrajja.

Hekk infaħħar l'Alla tiegħi
Li jaħdem b'ħajjet kulħadd,
Jaf jiftaħ toroq fil-baħar
Jeħles lil min trakka x-xatt.

Kull ħajja għandha l-kapitli
Biex jgħinuha ħa tingħex,
Nifs wara nifs, 'l-ħajja tkompli
L-aqwa li l-persuna tgħix.

Sebħ u ġieħ O Mulej Alla
Int l-ferħ taż-żminijiet,
Fik kulħadd għad isib postu
Għerfek qaddis hu t-tamiet.

Issokta inseġ l-istorja
Ħawwel, saqqi u kattar,
Il-ġid kbir kollu int tagħmlu
Se nħalluk taħdem aktar.

O Marija, tama tagħna
Imxi magħna l-patrijiet,
Kennina taht il-mant tiegħek
Inti l-hena tas-smewwiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
28 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.